# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 18 ta' Jannar, 2024**

**Numru 5**

**Rikors Numru 1066/19TA**

**Rose Sciberras (ID 12764M) u b'digriet tal-25 ta' Mejju 2023 l-atti ġew trasfużi f'isem Bernice Sciberras (ID 547294M) wara l-mewt ta' Rose Sciberras**

**vs**

**Philip Galea (ID 388082M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Rose Sciberras, li mietet fil-mori tal-Kawża u assumiet l-atti flokha bintha Bernice Sciberras (l-Attriċi), tas-6 ta' Novembru 2019 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

"1. Illi nhar it-23 t'Ottubru, 2013, l-attriċi kienet qegħdha timxi fuq il-bankina ta' Triq Dun Gejtan Mannarino f'Birkirkara. Hija ħarset biex tara jekk humiex ġejjin vetturi, niżżlet sieq waħda minn fuq il-bankina biex tibda taqsam, meta f'daqqa waħda b'veloċita liema bħala, il-konvenut li kien qed isuq vettura bit-targa ta reġistrazzjoni numru HBN375 għadda minn saqajn il-leminija tal-attriċi u laqat lill-attriċi fil-polz u l-pala ta' ideja l-leminija. B'konsegwenza ta' dan l-inċident l-

attriċi sofriet ksur fil-pala ta' saqajha, għandha ċikatriċi u ġiet operata biex titpoġġa ħadida fl-għaksa;

2. Illi sussegwentement il-konvenut ġie mressaq akkużat b'diversi reati marbutin ma' ksur ta' regolamenti tat-traffiku, iżda il-Qorti tal-Maġistrati (Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali) permezz ta' sentenza tat-8 t'April, 2016 illiberat lill-istess stante li ma kienitx konvinta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni mill-ħtija tal-konvenut;

3. Illi minkejja li għaddew is-snin, l-attriċi baqgħet tħoss l-uġiegħ, ma tistax tilbes żraben bi tkaken, għandha ċikatriċi f'saqajha u selħa fuq il-pala ta' ideja;

4. Illi l-attriċi hija konvinta li ta' dan l-inċident jaħti unikament il-konvenut u għaldaqstant huwa tenut li jagħmel tajjeb għad-danni li ikkaġunalha u dan peress illi huwa evidenti li hija qed issofri minn debilita permanenti u dan kif ċertament ser jiġi kostatat mill-espert inkarigat minn dina l-Onorabbli Qorti;

5. Illi għaldaqstant b'konsegwenza ta' dan l-inċident l-attriċi sofriet danni konsistenti f'danni attwali (*damnum emergens*) u danni futuri (*lucrum cessans*), u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

6. Illi għalkemm il-konvenut ġie debitament interpellat mill-attriċi sabiex jersaq għal likwidazzjoni u eventwali ħlas ta' danni, huwa baqgħa inadempjenti;

7. Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti kollha personalment.

Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex *previa* kull ordni u/jew dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni:

1. Tiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fit-23 t'Ottubru, 2013 fi Triq Gejtano Mannarinu f'Birkirkara, meta huwa laqgħat lill-attriċi bil-vettura misjuqa minnu, għadda minn fuq saqajha u kkaġunalha feriti ta' natura gravi li jwasslu għal debilita permanenti u dan minħabba negliġenza, imperizja u nuqqas tat-tħaris tar-regolamenti tat-traffiku;

2. Tiddikjara lill-istess konvenut responsabbli għad-danni kollha li sofriet l-attriċi b'konsegwenza ta' l-inċident, kompriżi dawk fuq il-persuna tiegħu liema danni jiġu dettaljatament provati waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

3. Tillikwida d-danni hekk kif sofferti mill-attriċi, okkorrendo permezz tal-ħatra ta' periti nominandi;

4. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi dawk id-danni li jiġu hekk likwidati ai termini tat-tielet talba hawn fuq premessa.

> Bl-ispejjeż tal-preżenti kontra l-konvenut inklużi dawk ta' l-ittri uffiċjali numru 122/2015, 3758/2016 u 3499/2018, u bl-imgħax legali skont il-liġi kontra l-istess konvenut, li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Philip Galea (il-konvenut) tat-12 ta' Diċembru 2019 li biha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:

> "1. Illi jidher biċ-ċar mir-rikors ġuramentat illi din il-kawża titratta inċident awtomobilistiku li seħħ fit-23 t'ottubru 2013 fit-triq arterjali ta' Triq Dun Gejtano Mannarino f'Birkirkara;
>
> 2. Illi fil-mertu, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi, u dan stante li l-konvenut mhux responsabbli għall-inċident de quo, liema inċident seħħ minħabba traskuraġni, imperizja u/jew non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da part tal-attriċi, kif se jiġimppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;
>
> 3. Illi fir-rigward tal-istess inċident awtomobilistiku, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fil-kawża bl-ismijiet Il-Pulizija vs Philip Galea quddiem il-Maġistrat Dottor Claire L Stafrace Zammit deċiża nhar it-8 t'April 2016, illiberat lill-konvenut mill-akkużi kriminali kif dedotti kontrih;
>
> 4. Illi fid-dawl tas-suespost, ma hemm ebda danni x'jiġu likwidati u kkundannati kontra l-konvenut;
>
> Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-liġi."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Qrat u semgħet ix-xhieda mressqa fil-perkors ta' din il-Kawża mill-partijiet.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' Fatti**

**1.** L-Attriċi kienet involuta f'inċident stradali li ġara fit-23 ta' Ottubru 2013 fi Triq Dun Gużepp Mannarino B'Kara meta l-Attriċi kienet nieżla l-bankina u l-konvenut kien qiegħed isuq il-vettura bin-numru HBN375. L-Attriċi b'konsegwenza ta' dan l-inċident weġġgħet l-għarqub ta' saqajha.

**2.** Tinsisti li dan l-inċident seħħ ħtija tal-Attur meta ma rahiex u baqa' għaddej minn fuq saqajha hekk kif niżlet saqajha minn fuq il-bankina.

**Punti ta' Liġi**

**3.** Il-kawżali u t-talbiet kif mfassla f'din l-azzjoni huma diretti sabiex jimputaw culpa aquilina lill-Konvenut, għad-danni li l-Attriċi tallega li sofriet u qed issofri konsegwenza tal-ħsara li hija ġarrbet fuq il-persuna tagħha f'dan l-inċident.

**4.** Il-liġi tikkontempla danni naxxenti minn culpa aquiliana fl-artikoli 1031 et seq tal-Kodiċi Ċivili. F'azzjoni bħal din, jispetta lill-attur li jġib il-prova tal-ħtija u li tassew ġarrab id-danni. L-Art 1031 tal-Kap 16 jistabilixxi illi "*kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu*". Minn din in-norma tal-liġi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jiskatta l-prinċipju, illi min ikun l-awtur tal-ħsara huwa obbligat jagħmel tajjeb għall-konsegwenzi negattivi li l-att iġib miegħu. Il-liġi ġenerali tagħna ma tagħtix tifsira ta` culpa iżda bħala effett tal-Art 1032(1) tal-Kap 16 tidentifikaha bħala mġieba fejn jirriżulta nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diliġenza u nuqqas ta` ħsieb tal-bonus paterfamilias.

**5.** F'dan ir-rigward l-ermeneutika ġurisprudenzjal lokali tgħallem li "*min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta` kawza u effett mad-danni sofferti"* (ara - **Kollez. Vol. XXX. I. 142**). L-istess Sentenzi ikomplu jispjegaw li "l-*kolpa fil-kaz ta` fatt dannuz li minnu torigina l-azzjoni akwiljana tavvera ruhha filli wiehed jaghmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta` dak il-fatt meta seta` jipprevedi dak l-effett*" (ara - **Kollez. Vol. XLII. I. 74**). Dan ifisser illi wieħed jeħtieġ jorbot l-att kolpuż minħabba imprudenza jew nuqqas ta` diliġenza mal-prevedibilita` ta` l-event dannuż; "*prevedibilita` din li trid tkun ta` probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta` possibilitajiet remotissimi u inverosimili*" (ara ukoll **Kolleż. Vol. XLVIII. I. 258**). Fis-sentenza riportata fil-**Kolleż. Vol. XXIV. I. 172**, ingħad li hemm l-culpa: *"quando vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene"*.

**6.** Di piu fis-**Sentenza fl-ismijiet Michael D`Amato noe -vs- Filomena Spiteri et deċiża minn din il-Qorti fit-3 ta` Ottubru 2003,** b`riferenza għall-Art 1031 tal-Kap 16, intqal hekk li:- "*Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jew extrakontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali in subjecta materia, u tennuncja l-principju in virtu ta` liema l-lezjoni kagjonata lis-suggett tobbliga lill-awtur tal-lezjoni li jirrizarcixxi l-*

*konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tieghu; Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` civili hi ravvizata flimgieba imputabbli ghal dolo jew culpa. Il-ligi civili taghna ma tiddefinixix il-kolpa civili fl-ghemil izda taghmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diligenza u nuqqas ta` hsieb tal-bonus paterfamilias [Artikolu 1032 (1), Kodici Civili]. Dan jikkorrispondi in criminalibus ghannuqqas ta` hsieb, bi traskuragni, jew b` nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu jew nuqqas ta` tharis tar-regolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali".*

**7.** Fl-aħħar nett is-Sentenza li tal-**Qorti tal-Appell tal-15 ta` Diċembru 2015 fl-ismijiet Paul Azzopardi et -vs- Charles Grech et** kien eluċidat is-segwenti:- " … *jidher li l-azzjoni attriċi tinbena fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili marbut ma` d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1038 tal-istess Kodiċi. Illi huwa prinċipju ewlieni f`azzjoni ta` danni li min jallega li ġarrab ħsara bi ħtija jew l-għamil ta` ħaddieħor irid jipprova r-rabta bejn il-ħsara mġarrba u dik il-ħtija jew dak l-għamil. Għalkemm il-liġi tagħna ma tfissirx x`inhi l-'ħtija', madankollu tgħid li jkun jitqies fi ħtija min f`għemilu jonqos li juża l-prudenza, l-għaqal u l-ħsieb ta` missier tajjeb tal-familja. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-atturi jixlu lill-imħarrkin b`rieda iżjed minn sempliċi traskuraġni, iżda bil-ħsieb jew l-intenzjoni tal-ħażen li kellu jissarraf fit-teħid tal-kajjik tagħhom".*

## Konsiderazzjonijiet

**8.** Bħal ma dejjem jiġri f'Kawżi bħal dawn, il-Qorti għandha l-ewwel tistabilixxi r-responsabbilta' qabel ma tidħol fil-likwidazzjoni tad-danni. Jekk il-Qorti issib illi l-konvenut ma għandux iwieġeb għall-inċident, il-biċċa tieqaf u jiġu miċħuda t-talbiet Attriċi.

**Responsabbilita'**

**9.** Il-Qorti bħal ma kważi dejjem jiġri f'dawn il-kawżi hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet ta' kif seħħ l-inċident. Dan ma jfissirx li din il-Qorti għandha għalhekk taħsel idejha u tiċħad it-talbiet Attriċi għaliex kuntrarjament għall-kamp Kriminali, il-prinċipju li jiggwida lil din il-Qorti huwa dak li tiskopri liema miż-żewġ versjonijiet hija l-aktar verosimili u mhux jekk jitnissilx id-dubbju lil hinn minn dak li tiddetta r-raġuni u għalhekk jirbaħ il-prinċipju l-ieħor ta' *in dubbio reo*.

**10.** Mingħajr tlaqliq, wara li din il-Qorti eżaminat b'reqqa il-provi, tasal għall-istess konklużjoni li waslet għaliha il-Qorti tal-Maġistrati. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tat-8 ta' April 2016, il-konvenut, f'dawk il-proċeduri imputat, ġie illiberat mill-akkużi, mhux għaliex kif tgħid l-Attriċi fir-rikors ġuramentat minħabba dubbju lil hinn minn dak li tiddetta r-raġuni, iżda għaliex sabet li l-versjoni tal-konvenut kienet aktar verosimili u li l-imputat qatt ma seta' jevita l-inċident.

**11.** Il-Konvenut jixhed "*Kont niezel u waqt li kont qieghed insuq smajt hoss mal-genb tal-karrozza u waqaft. X'hin harist minn gol-mera rajt*

*persuna li qasmet it-triq ghal faccata u mort nara x'gara*" (a' fol 749). Din il-verżjoni jsostniha anke fil-proċeduri kriminali. Jħid ukoll li kien għaddej b'40 kilometru u li ma setax ikun għaddej b'veloċita għax quddiemu kien hemm iktar karozzi. Dan isostnih anke fil-Kawża Kriminali. Għid ukoll li dik it-triq fis-7.00am tkun traffikuża. Il-vettura ma kellha ebda ħsara iżda kien hemm marka mal-mud guard ta' wara (a' fol 750). Jispjega li *visually* quddiemu lil ħadd ma ra għaliex altrimenti kien jieqaf.

**12.** L-Attriċi tgħid li l-Attur kien miexi b'veloċita' qawwija. Il-Qorti ssibha diffiċli li temmen dan. Li kieku kien għaddej b'veloċita' qawwija ma hemm ebda dubbju li l-inċident kien ikun aktar gravi u li l-karozza kien ikollha xi xorta ta' ħsara. F'dan ir-rigward il-konvenut jgħid li l-vettura ma kellha ebda ħsara iżda kien hemm marka mal-mud guard ta' wara (a' fol 750). Jispjega li *visually* quddiemu lil ħadd ma ra għaliex altrimenti kien jieqaf.

**13.** Huwa punt ta' importanza li l-konvenut isostni li meta ġara l-inċident hu kien fin-nofs tat-triq. Analise Galea tgħid li l-vettura tal-konvenut kienet lejn nofs tat-triq u l-konvenut kien aktar viċin il-bus stop li kienet kollha nies (a' fol 301). Il-konvenut jixhed ukoll li meta ra kienet f'nofs tat-triq (a' fol 321 tergo). Il-Qorti temmen il-verżjoni tal-Attur li l-inċident ma ġarax qrib il-bankina kif tgħid l-Attriċi u għalhekk ma hux possibbli li l-konvenut laqatha meta kienet niżlet saqajha hekk kif niżlet il-bankina iżda lejn in-nofs tat-triq. Jagħmel sens ukoll li l-Attriċi intlaqtet b'wara tal-vettura, indikazzjoni li meta kienet qed taqsam il-vettura tal-konvenut kienet kważi għaddietha.

**14.** Il-konvenut jgħid li kien miexi normali xi metru u nofs 'l bogħod mill-bankina u jinsisti kemm-il darba, li kien qed isuq minn nofs tat-triq u ġo nofs il-karreġġjata (a' fol 322 tergo). Li kieku ma kienx għall-fatt li l-Attriċi intlaqtet b'wara tal-vettura kienet tkun traġedja akbar jekk laqatha b'quddiem. Huwa fil-fatt sinjifikattiv li tul ix-xhieda tagħha l-Attriċi qatt ma ċaħdet li laqatha bil-ġenb fuq il-mudgaurd ta' wara.

**15.** Fil-viċinanzi kien hemm stage mimli nies. Kważi kull fejn hemm stage hemm zebra crossing propju biex in-nies ikollhom mezz sigur biex jaslu għalih meta jridu jaqsmu it-triq. Anke f'din l-okkażżjoni kien hemm zebra crossing li fi kliem l-Attriċi meta xehdet fil-Kawża Kriminali kien xi metru 'l bogħod minn fejn ġara l-inċident. Din ma hiex xi distanza li taqta' qalb dak li jkun li jagħżel li jaqsam minn qalb it-traffiku flok juża iz-zebra crossing. Annalise Galea tgħid li fil-viċinanzi kien hemm zebra crossing fil-fatt biex qasmet għan-naħa l-oħra tat-triq fejn kien il-Konvenvut u l-Attriċi, ix-xhud tgħid li qasmet minn fuqha (a' fol 300). L-Attur ukoll jikkonferma li "*few meters kien hemm zebra crossing quddiemi*" (a' fol 320 tergo) u jerġa jispjega li din kienet ftit metri 'l bogħod minn fejn qasmet l-Attriċi (a' fol 322).

**16.** F'dan ir-rigward issir referenza għas-Sentenza deċiża fl-**10 ta' Mejju, 2005 mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet John Ransley et vs Edward Restall et** fejn intqal hekk:-

"*Dwar il-pedestrian jinghad li dan ghandu juza l-massimu prudenza meta jigi biex jaqsam triq. L-artikoli 20 u 21 tal-Highway Code jghidu hekk: "20. Always use subways, footbridges, pedestrian crossings or central refuges, where provided. Otherwise , cross the road where you have a clear view of the roadboth ways*."

**17.** Għalkemm il-pedestrian ma għandux jitqies bħala intruż minn naħa l-oħra. "*M'hemmx presunzjoni li pedestrian ghandu dejjem ragun.*" (Ara **App. Ċiv. fl-ismijiet Bongailas -vs- Mercieca Vol.L 1 p 15**).

**18.** F'sitwazzjoni bħal din ta' korriment ta' pedestrian meta jkun qed jaqsam it-triq, ġie ritenut li "*meta persuna tagħżel li taqsam it-triq, tieħu fuqha r-responsabbiltà tal-għemil tagħha. Fil-każ fejn persuna qegħda taqsam it-triq, ma għandha teżisti l-ebda preżunzjoni li l-ħtija hija dejjem tas-sewwieq li jtajjarha jew li min qed jaqsam dejjem għandu raġun* (Ara **Sentenza** tal-P.A. PS tas-27 ta' Ġunju 2003 fl-ismijiet Mary Zarb et vs Mauro Overend). Dan jingħad il-għaliex id-determinazzjoni tar-responsabbiltà għal inċident fejn persuna tintlaqat hija u taqsam it-triq tiddependi wkoll mill-mod kif dik il-persuna ġġib ruħha. Din ir-responsabbiltà fuq il-passant, madankollu, ma teħlisx lis-sewwieqa mill-obbligu doppju li jkunu jafu x'qiegħed jiġri fl-inħawi li minnu jkunu qegħdin isuqu u li jżommu kontroll tajjeb tal-karozza li tkun taħt il-kontroll tagħhom. Kemm hu hekk, il-persuna li tkun qegħda taqsam it-triq għandha l-jedd li tippretendi li s-sewwieqa jkunu għaqlin u diliġenti biżżejjed biex ma

jtajruhiex hi u taqsam, u sewwieq li jkun naqas minn xi wieħed miż-żewġ dmirijiet ewlenin fuq imsemmija u li jkun b'hekk qiegħed lilu nnifsu f'qagħda li ma setax jevita li jtajjar lill-persuna li qegħda taqsam, għandu jġarrab il-ħtija ta' dak in-nuqqas (Ara **Sentenza tal-P.A. GV tat-12 ta' Lulju 2002 fl-ismijiet Saviour Sammut et vs Robert Demanuele**).

**19.** Illi huwa llum stabbilit li s-sewwieq f'każ ta' inċident fejn tittajjar persuna huwa meħlus biss mill-ħtija fejn joħroġ li l-persuna li qasmet it-triq tkun għamlet hekk għall-għarrieda, jew qasmet minn post li bniedem mhux maħsub li jaqsam minnu (Ara **Sentenza tal-P.A. GCD tas-17 ta' Ġunju 2004 fl-ismijiet Carmelo Sciberras vs Gilbert Caruana**) jew tkun ġabet ruħha b'mod li poġġiet lis-sewwieq f'qagħda li, wkoll kieku uża l-għaqal u d-diliġenza kollha waqt li qiegħed isuq, ma kienx f'qagħda li jevita li jtajjar lil dik il-persuna (Ara **Sentenza tal-P.A. GV tat-28 ta' Mejju 2003fl-ismijiet Joseph Urpani vs Giacinto Bartolo** u kif ukoll **Joseph Falzon pro et noe vs Emanuel Schembri et, Qorti Ċivili Prim' Awla, 30 ta' Ġunju 2020**).

**20.** Għalhekk wara li qieset iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ u fid-dawl ta' dan it-tagħlim, kif diġa' intqal aktar 'l fuq, din il-Qorti ma tarax li l-konvenut għandu jwieġeb għall-inċident u konsegwenzjali danni li soffriet l-Attriċi.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija qegħdha taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:-

**Tilqa’ t-tieni eċċezzjoni** tal-Konvenut u **tiċħad it-talbiet** kollha Attriċi.

Spejjes tal-Kawża għall-Attriċi.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**